KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI
RANTOS
ippreżentati fl-14 ta' Ġunju 2022 [1]

Kawżi magħquda C-702/20 u C-17/21

SIA "DOBELES HES" (C-702/20)
Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija (C-17/21)
fil-preżenza ta':
Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija,
Ekonomikas ministrija,
Finanšu ministrija,
SIA "GM",
Ekonomikas ministrija,
Finanšu ministrija

(talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja))

"Rinviju għal deċiżjoni preliminari – Artikolu 107(1) TFUE – Obbligu tal-operatur pubbliku li jixtri mingħand produtturi tal-enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq – Danni għall-ammonti ta' għajnuna mhux irċevuti – Għajnuna eżistenti – Għajnuna ġdida – Obbligu ta' notifika – Għajnuna *de minimis* – Kumulu – Imputazzjoni tal-kumpens għall-baġit ta' awtorità li għandu jintuża esklużivament għall-finijiet tal-attività regolatorja"

I. Introduzzjoni

1. It-talbiet għal deċiżjoni preliminari tal-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja) jirrigwardaw l-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE għal dak li jikkonċerna dispożizzjonijiet tad-dritt Latvjan dwar ix-xiri ta' elettriku mingħand impriżi li jipproduċu l-elettriku f'impjanti ta' enerġija idroelettrika.

2. Dawn it-talbiet tressqu fil-kuntest ta' żewġ tilwimiet bejn, minn naħa, SIA "DOBELES HES" (ir-rikorrenti fil-Kawża C-702/20) u SIA "GM" (ir-rikorrenti fil-Kawża C-17/21) (iktar 'il quddiem ir-"rikorrenti") u min-naħa l-oħra, is-Sabiedrisko pakalpojumu regulēšanas komisija (il-Kummissjoni Regolatorja tas-Servizzi Pubbliċi, il-Latvja, iktar 'il quddiem il-"Kummissjoni Regolatorja") minħabba li din tal-aħħar, għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2006 u l-1 ta' April 2010, ma kinitx stabbilixxiet it-tariffa medja għall-bejgħ tal-elettriku li fuq il-bażi tagħha kien ikkalkolat il-prezz ogħla li bih organu pubbliku, jiġifieri l-kumpannija AS Latvenergo, xtrat

[1] Lingwa oriġinali: il-Franċiż.

lura l-elettriku żejjed prodott mir-rikorrenti. Peress li ħassew ruħhom leżi mill-aġir tal-Kummissjoni Regolatorja, ir-rikorrenti talbu kumpens għad-dannu li huma allegatament sofrew minħabba li din it-tariffa ma ġietx iffissata.

3. Id-domandi preliminari magħmula mill-qorti tar-rinviju lill-Qorti tal-Ġustizzja jirrigwardaw tliet problemi "klassiċi" fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat. Din il-qorti tistaqsi, l-ewwel, fuq il-punt dwar jekk miżura nazzjonali li tikkonsisti fix-xiri tal-enerġija idroelettrika bid-doppju tat-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku timplikax "riżorsi tal-Istat" b'mod li tista' tiġi kklassifikata bħala "għajnuna mill-Istat. Sussegwentement, l-imsemmija qorti tistaqsi jekk il-ħlas ta' danni minn qorti nazzjonali jistax jammonta għal "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fl-aħħar nett, l-istess qorti tagħmel sensiela ta' domandi li jirrigwardaw il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biex tiġi analizzata l-kompatibbiltà ta' din il-miżura mad-dritt tal-Unjoni f'każ li din tiġi kklassifikata bħala għajnuna mill-Istat.

II. Il-kuntest ġuridiku

A. Id-dritt tal-Unjoni

1. Ir-Regolament (UE) Nru 1407/2013

4. L-Artikolu 3, intitolat "Għajnuna de minimis", tar-Regolament (UE) Nru 1407/2013 [2] jipprovdi li:

"1. Il-miżuri ta' għajnuna jitqiesu li ma jissodisfawx il-kriterji tal-Artikolu 107(1) [TFUE] u għaldaqstant ikunu eżentati mill-ħtieġa tan-notifika fl-Artikolu 108(3) [TFUE], jekk jissodisfaw il-kundizzjonijiet stipulati f'dan ir-Regolament.

2. L-għajnuna totali *de minimis* mogħtija lil kull Stat Membru lil xi impriża waħda m'għandhiex tkun iktar minn EUR 200 000 fuq kwalunkwe perijodu ta' tliet snin fiskali.

[…]"

5. L-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament huwa fformulat kif ġej:

"L-għajnuna *de minimis* ma għandhiex tiġi akkumulata mal-għajnuna mill-Istat fir-rigward tal-istess spejjeż eliġibbli jew mal-għajnuna mill-Istat għall-istess miżura ta' finanzjament tar-riskju, jekk akkumulazzjoni bħal dik teċċedi l-ogħla intensità ta' għajnuna rilevanti jew ammont ta' għajnuna ffissat fiċ-ċirkostanzi speċifiċi ta' kull każ permezz ta' regolament għal eżenzjoni ġenerali ta' kategorija jew deċiżjoni adottata mill-Kummissjoni […]"

6. L-Artikolu 7(1) tal-imsemmi regolament jipprovdi, bħala dispożizzjonijiet tranżitorji:

"Dan ir-Regolament japplika għal għajnuna li tkun ingħatat qabel id-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament jekk l-għajnuna tkun tissodisfa l-kundizzjonijiet kollha stipulati f'dan ir-Regolament. Kwalunkwe għanjnuna li ma tissodisfax dawk il-kundizzjonijiet tiġi evalwata mill-Kummissjoni skont l-oqfsa, il-linji gwida, il-komunikazzjonijiet u l-avviżi relevanti".

[2] Regolament tal-Kummissjoni tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis* (ĠU 2013, L 352, p. 1, rettifika fil-ĠU 2021, L 410, p. 204).

2. Ir-Regolament (UE) 2015/1589

7. L-Artikolu 1 tar-Regolament (UE) 2015/1589 [3] jipprovdi:

"Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, japplikaw id-definizzjonijiet li ġejjin:

b) 'għajnuna eżistenti' tfisser:

i) mingħajr preġudizzju […] għall-punt 3 u l-Appendiċi tal-Anness IV tal-Att tal-Adeżjoni […] tal-Latvja […], l-għajnuna kollha li kienet teżisti qabel id-dħul fis-seħħ tat- TFUE fl-Istati Membri rispettivi, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li daħlu fis-seħħ qabel, u għadhom jgħoddu wara, id-dħul fis-seħħ tat- TFUE fl-Istat Membri rispettiv;

ii) għajnuna awtorizzata, li tfisser, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali li kienu awtorizzati mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill;

iii) għajnuna meqjusa awtorizzata skont l-Artikolu 4(6) tar-Regolament (KE) Nru 659/1999 [4] jew l-Artikolu 4(6) ta' dan ir-Regolament, jew awtorizzata qabel ir-[Regolament Nru 659/1999] iżda f'konformità ma' din il-proċedura;

iv) għajnuna meqjusa għajnuna eżistenti skont l-Artikolu 17 ta' dan ir-Regolament;

v) għajnuna meqjusa għajnuna eżisteni minħabba li jista' jiġi stabbilit li meta daħlet fis-seħħ ma kinitx għajnuna, u sussegwentement saret għajnuna minħabba l-evoluzzjoni tas-suq intern u mingħajr ma l-Istat Membru jkun għamel tibdil fiha. Fejn ċerti miżuri jsiru għajnuna wara l-liberalizzazzjoni ta' attività mil-liġi tal- Unjoni, dawk il-miżuri m'għandhomx jitqiesu li jkunu għajnuna eżistenti wara d-data stabbilita għall-liberalizzazzjoni;

c) 'għajnuna ġdida' tfisser kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma jkunux għajnuna eżistenti, inkluż tibdil fl-għajnuna eżistenti;

[…]"

8. L-Artikolu 2, intitolat "Notifika ta' għajnuna ġdida" tar-Regolament 2015/1589 huwa fformulat kif ġej:

"1. Ħlief fejn imsemmi mod ieħor fir-regolamenti magħmula skont l-Artikolu 109 tat-TFUE jew skont kull disposizzjoni oħra rilevanti tagħhom, kull pjan għall-għoti ta' għajnuna ġdida għandu jkun mgħarraf lill-Kummissjoni f'biżżejjed żmien mill-Istat Membru konċernat […]

[…]"

[3] Regolament tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabblixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (ĠU 2015, L 248, p. 9).

[4] Regolament tal-Kunsill tat-22 ta' Marzu 1999 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 8, Vol 1, p. 339).

9. L-Artikolu 3, intitolat "Klawsola ta' sospensjoni", ta' dan ir-regolament jipprovdi:

"Għajnuna notifikabbli skont l-Artikolu 2(1) m'għandhiex tidħol fis-seħħ qabel ma l-Kummissjoni tkun ħadet, jew jitqies li tkun ħadet, deċiżjoni li tawtorizza dik l-għajnuna".

10. L-Artikolu 17, intitolat "Perjodu ta' preskrizzjoni għall-irkupru tal-għajnuna", tal-imsemmi regolament jipprovdi li:

"1. Il-setgħat tal-Kummissjoni biex tirkupra l-għajnuna għandhom ikunu suġġetti għal perjodu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin.

2. Il-perjodu ta' preskrizzjoni għandu jibda dakinhar li fih l-għajnuna kontra l-liġi tingħata lill-benefiċarju bħala għajnuna individwali jew bħala għajnuna taħt skema ta' għajnuna […]

3. Kull għajnuna li fir-rigward tagħha jkun skada l-perjodu ta' preskrizzjoni, għandha titqies li hi għajnuna eżistenti".

3. Id-Direttiva 2002/20/KE

11. Il-premessa 30 tad-Direttiva 2002/20/KE[5] hija fformulata kif ġej:

"Ħlasijiet amministrattivi jistgħu jiġu imposti fuq il-forniturі ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi sabiex jiffinanzjaw l-attivitajiet ta' l-awtorità regolatorja nazzjonali fl-amministrazzjoni tas-sistema ta' awtorizzazzjoni u fl-għoti ta' drittijiet ta' użu […]"

12. L-Artikolu 12 ta' din id-direttiva, intitolat "Ħlasijiet amministrattivi", jipprovdi, fil-paragrafu 1 tiegħu:

"Kull ħlas amministrattiv impost fuq impriżi li jfornu servizz jew *network* taħt l-awtorizzazzjoni ġenerali jew li lilhom ikun ingħata dritt ta' użu, għandu:

a) fit-total, ikopri biss l-ispejjeż amministrattivi magħmula fl-amministrazzjoni, kontroll u infurzar ta' l-iskema ta' l-awtorizzazzjoni ġenerali […]

[…]"

B. Id-dritt Latvjan

13. L-Artikolu 40(1) tal-Enerģētikas likums (il-Liġi dwar l-Enerġija), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ matul il-perijodu bejn l-1 ta' Ġunju 2001 u s-7 ta' Ġunju 2005 jipprovdi li:

"L-impriża tad-distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata tixtri mingħand l-impjanti żgħar tal-enerġija idroelettrika l-elettriku żejjed li huma jipproduċu, […], bi prezz li jikkorrispondi għal darbtejn it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku. Il-prezz ta' tali akkwist jiġi mbagħad stabbilit mill-awtorità regolatorja".

[5] Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Marzu 2002 dwar l-awtorizzazzjoni ta' networks u servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol 29, p. 337), kif emendata mid-Direttiva 2009/140/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-25 ta' Novembru 2009 (ĠU 2009, L 337, p. 37, rettifika fil-ĠU 2013, L 241, p. 8) (iktar 'il quddiem id-"Direttiva 2002/20").

14. L-Artikolu 30(1) tal-Elektroenerġijas tirgus likums (il-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku), fil-verżjoni tiegħu fis-seħħ matul il-perijodu bejn it-8 ta' Ġunju 2005 u l-31 ta' Diċembru 2014, jipprovdi li:

"Il-produttur li, għall-produzzjoni tal-elettriku, jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli u jkunu bdew l-attività tagħhom qabel id-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi għandhom ibiegħu l-elettriku lill-operatur pubbliku skont […] il-prezzijiet li jkunu ġew applikati lilhom fil-mument tad-dħul fis-seħħ ta' din il-liġi".

15. L-Artikolu 30(3) ta' din il-liġi, fil-verżjoni tagħha li kienet fis-seħħ matul il-perijodu bejn it-8 ta' Ġunju 2005 u l-14 ta' Mejju 2008, jipprovdi:

"[…] Il-prezz ta' dan l-akkwist japplika għall-klijenti finali kollha tal-elettriku fil-Latvja *pro rata* għall-konsum tal-elettriku tagħhom, meta parti mill-elettriku prodott minn sorsi ta' enerġija rinnovabbli tinxtara mingħand l-operatur pubbliku jew meta l-ispiża li jġarrab dan tal-aħħar tkun is-suġġett ta' kumpens".

16. L-Artikolu 29(1) tal-likums "Par sabiedrisko pakalpojumu regulatoriem" (il-Liġi dwar l-Awtoritajiet Regolatorji tas-Servizzi Pubbliċi) jipprovdi:

"Il-funzjonament tal-awtorità regolatorja huwa ffinanzjat mid-dħul mill-ġbir tat-tariffa tal-Istat biex jirregola s-servizzi pubbliċi u mill-ħlasijiet għas-servizzi pprovduti mill-awtorità regolatorja, li huma previsti f'dispożizzjonijiet leġiżlattivi u regolatorji oħra".

III. Il-kawżi prinċipali, id-domandi preliminari u l-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17. Sa minn qabel ma r-Repubblika tal-Latvja daħlet fl-Unjoni Ewropea, il-leġiżlatur ta' dan l-Istat Membru kien introduċa leġiżlazzjoni intiża li tippromwovi l-produzzjoni tal-elettriku b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli. B'mod partikolari, l-Artikolu 40(1) tal-Liġi dwar l-Enerġija kien jagħti lill-impjanti żgħar ta' enerġija idroelettrika, għal perijodu ta' tmien snin b'effett mill-bidu tal-operat tagħhom, id-dritt li jbigħu l-elettriku żejjed tagħhom lill-impriża ta' distribuzzjoni tal-elettriku awtorizzata b'tariffa d-doppju tat-tariffa medja ta' bejgħ tal-elettriku. Din it-tariffa kellha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni Regolatorja.

18. Wara l-adeżjoni tar-Repubblika tal-Latvja fl-Unjoni, dan il-benefiċċju nżamm mil-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku, li daħlet fis-seħħ fit-8 ta' Ġunju 2005. Għaldaqstant, matul il-perijodu kontenzjuż, bejn Marzu 2006 sa Settembru 2008, il-produttur tal-enerġija idroelettrika (bħar-rikorrenti) kellhom id-dritt li jbigħu l-eċċess tal-produzzjoni tagħhom lill-operatur pubbliku, jiġifieri l-kumpannija Latvenergo proprjetà 100 % tal-Istat, bil-prezz ogħla. Skont id-dritt nazzjonali, it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku kienet iffissata mill-Kummissjoni Regolatorja fil-kapaċità tagħha ta' awtorità li tirregola s-suq tal-elettriku.

19. Matul is-sena 2010, il-Latvijas Republikas Satversmes tiesa (il-Qorti Kostituzzjonali, il-Latvja) ddeċidiet li, bejn is-snin 2005 u 2010, il-prezz ogħla kien ġie kkalkolat b'mod żbaljat mill-Kummissjoni Regolatorja. Konsegwentement, ir-rikorrenti, li kienu operaw impjanti ta' enerġija idroelettrika matul dan il-perijodu, talbu lil din l-awtorità kumpens għat-telf imġarrab

minnhom minħabba li ma ġietx iffissata t-tariffa kkonċernata[6], u mbagħad adixxew lill-qorti amministrattiva bir-rifjuti li huma rċevew.

20. Permezz ta' żewġ sentenzi tal-31 ta' Mejju u tal-10 ta' Lulju 2019, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali, il-Latvja) ikkundannat lill-Kummissjoni Regolatorja biex tħallashom rispettivament l-ammont ta' EUR 3 406.63 u ta' EUR 662.26. Madankollu, meħud kont tal-opinjoni tal-Kummissjoni Ewropea li hija kienet talbet matul il-proċeduri, din il-qorti ssuġġettat il-ħlas ta' dawn l-ammonti għall-kundizzjoni sospensiva li dawn jiġu nnotifikati, bħala għajnuna mill-Istat, lil din l-istituzzjoni u li din tal-aħħar tagħti l-approvazzjoni tagħha jew titqies li tatha.

21. Il-Kummissjoni Regolatorja ppreżentat appell ta' kassazzjoni quddiem l-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema), jiġifieri l-qorti tar-rinviju, kontra dawn is-sentenzi. Din il-qorti ddeċidiet li tissospendi l-proċeduri fiż-żewġ kawżi u li tagħmel lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin, li huma identiċi fiż-żewġ kawżi:

"1) L-obbligu skont liema l-operatur pubbliku għandu jixtri l-elettriku minn produtturi li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla mill-prezz tas-suq, billi japprofittaw mill-obbligu skont liema l-konsumatur finali għandu jħallas prezz proporzjonali għall-konsum, għandu jitqies bħala intervent tal-Istat jew bħala għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE?

2) Il-kunċett ta' 'liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku' għandu jiġi interpretat fis-sens li wieħed jista' jqis li l-liberalizzazzjoni tkun diġà seħħet fid-dawl ta' ċerti elementi ta' kummerċ ħieles, bħal kuntratti konklużi mill-operatur pubbliku ma' fornituri ta' Stati Membri oħrajn? Jista' wieħed iqis li l-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku tibda minn meta l-liġi tagħti lil parti mill-utenti tal-elettriku (bħall-utenti tal-elettriku konnessi man-network tat-trasport jew l-utenti tal-elettriku mhux residenzjali konnessi man-network ta' distribuzzjoni) id-dritt li jibdlu l-fornitur tal-elettriku? L-evoluzzjoni tar-regolamentazzjoni tas-suq tal-elettriku fil-Latvja, b'mod partikolari s-sitwazzjoni qabel is-sena 2007, għandha effett fuq l-evalwazzjoni tal-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku, fid-dawl tal-Artikolu 107(1) TFUE (risposta għall-ewwel domanda)?

3) Jekk ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li l-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku ma tikkostitwixxix għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, il-fatt li r-rikorrenti attwalment topera f'suq tal-elettriku lliberalizzat u li l-ħlas tad-danni jagħtiha, preżentement, vantaġġ meta mqabbla ma' operaturi oħrajn fis-suq inkwistjoni jwassal sabiex id-danni jiġu assimilati mal-għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE?

4) Jekk ir-risposta għall-ewwel u għat-tieni domanda għandha tkun fis-sens li l-għajnuna mogħtija lill-produtturi tal-elettriku tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, it-talba tar-rikorrenti intiża li tikseb kumpens għad-danni għat-telf subit minħabba l-eżerċizzju inkomplet tad-dritt legali għal ħlas ogħla għall-elettriku prodott għandha, fil-kuntest tal-eżami tal-għajnuna mill-Istat previst fl-Artikolu 107 TFUE, tiġi assimilata għal talba ta' għoti ta' għajnuna mill-Istat ġdida jew għal talba għal ħlas ta' parti tal-għajnuna mill-Istat mhux miġbura qabel?

[6] Il-preġudizzju allegat jikkorrispondi għad-differenza bejn il-prezz imħallas lir-rikorrenti mill-operatur pubbliku u l-prezz li bih dan tal-aħħar kien ikollu jixtri l-elettriku kieku t-tariffa medja għall-bejgħ tal-elettriku kienet ġiet iffissata għall-perijodu bejn l-1 ta' Marzu 2006 u t-30 ta' Novembru 2007 għal DOBELES HES u l-1 ta' Marzu 2006 u t-30 ta' Settembru 2008 għal GM.

5) Jekk ir-risposta għar-raba' domanda għandha tkun fis-sens li t-talba tar-rikorrenti għandha titqies fil-kuntest taċ-ċirkustanzi preċedenti bħala talba ta' ħlas ta' parti mill-għajnuna mill-Istat mhux miġbura qabel, mill-Artikolu 107(1) TFUE jirriżulta li, biex issir deċiżjoni preżentement dwar il-ħlas ta' tali għajnuna mill-Istat, huwa neċessarju li tiġi eżaminata s-sitwazzjoni attwali tas-suq u li tittieħed inkunsiderazzjoni l-leġiżlazzjoni fis-seħħ (inklużi restrizzjonijiet attwali fil-qasam ta' kumpens żejjed)?

6) Il-fatt li, kuntrarjament għall-impjanti tal-enerġija idroelettrika, l-impjanti tal-enerġija eolika ikunu bbenefikaw, fil-passat, minn għajnuna kompleta huwa rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE?

7) Il-fatt li hija biss parti mill-impjanti tal-enerġija idroelettrika li bbenefikaw minn għajnuna inkompleta li hija fil-preżent ikkumpensata huwa rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE?

8) L-Artikolu 3(2) u l-Artikolu 7(1) tar-[Regolament Nru 1407/2013] għandhom jiġu interpretati fis-sens li l-kriterji previsti għall-għajnuna *de minimis* huma applikabbli għall-għajnuna inkwistjoni f'din il-kawża sa fejn l-ammont tal-għajnuna ma jaqbiżx il-limitu *de minimis*? L-Artikolu 5(2) [ta' dan ir-regolament] għandu jiġi interpretat fis-sens li, f'din il-kawża, il-fatt li t-telf inkwistjoni jiġi kklassifikat bħala għajnuna *de minimis* jista' jagħti lok għal kumulu pprojbit, fid-dawl tal-kundizzjonijiet stipulati fid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SA.43140 sabiex jiġi evitat kumpens żejjed?

9) Jekk l-għoti/il-ħlas ta' għajnuna mill-Istat huwa stabbilit f'din il-kawża, l-Artikolu 1(b) u (c) tar-[Regolament 2015/1589] għandu jiġi interpretat fis-sens li ċirkustanzi bħal dawk ikkonstatati f'din il-kawża jikkorrispondu mal-għoti ta' għajnuna mill-Istat ġdida, u mhux mal-għoti ta' għajnuna mill-Istat eżistenti?

10) Jekk ir-risposta għad-disa' domanda hija fl-affermattiv, l-eżami tal-kwistjoni dwar jekk is-sitwazzjoni tar-rikorrenti hijiex assimilata għall-għoti ta' għajnuna eżistenti tat-tip imsemmi fl-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589 jimplika li għandha tittieħed inkunsiderazzjoni biss id-data tal-ħlas effettiv tal-għajnuna bħala l-bidu tad-dekorrenza ta' preskrizzjoni fis-sens tal-Artikolu 17(2) [ta' dan ir-regolament]?

11) Jekk l-għoti/il-pagament ta' għajnuna mill-Istat huwa stabbilit, l-Artikolu 108(3) TFUE u l-Artikolu 2(1) u l-Artikolu 3 tar-Regolament 2015/1589 għandhom jiġu interpretati fis-sens li modalitajiet ta' notifika tal-għajnuna mill-Istat bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża huma ġġustifikati meta l-qorti nazzjonali tilqa' talba għad-danni bil-kundizzjoni li tkun ġiet irċevuta deċiżjoni tal-Kummissjoni li tkun awtorizzat l-għajnuna, u li hija tordna lill-Ministeru għall-Ekonomija li jinnotifika lill-Kummissjoni l-għajnuna għall-attivitajiet kummerċjali f'terminu ta' xahrejn sa mid-data tal-għoti tas-sentenza?

12) Il-fatt li jintalbu danni minn awtorità pubblika ([il-Kummissjoni Regolatorja]) li qatt ma kellha tkun responsabbli għall-ħlas ta' tali spejjeż u li l-baġit tagħha jinkludi t-tariffi tal-Istat imħallsa mill-fornituri ta' servizzi pubbliċi tas-setturi rregolati, li huma intiżi biss li jiġi żgurat il-funzjonament tal-awtorità regolatorja, huwa rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE?

13) Modalitajiet ta' kumpens bħal dawk inkwistjoni f'din il-kawża huma kompatibbli mal-prinċipji li jirregolaw is-setturi rregolati li huma stabbiliti mid-dritt tal-Unjoni, inklużi l-Artikolu 12 u l-premessa 30 tad-[Direttiva 2002/20], kif emendata bid-Direttiva [2009/140]?"

22. Osservazzjonijiet bil-miktub ġew ippreżentati mill-awtorità regolatorja, mill-Gvern Latvjan, mill-Gvern Ġermaniż u mill-Gvern Olandiż, kif ukoll mill-Kummissjoni. Dawn il-partijiet wieġbu wkoll bil-miktub fit-terminu mogħti għal mistoqsijiet magħmula mill-Qorti tal-Ġustizzja, b'applikazzjoni tal-Artikolu 61(1) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Ġustizzja. Dawn il-partijiet kif ukoll ir-rikorrenti u l-Gvern Spanjol ittrattaw ukoll waqt is-seduta li nżammet, fl-Awla Manja, fid-29 ta' Marzu 2022.

IV. Analiżi ġuridika

A. Fuq l-ewwel domanda preliminari

23. Permezz tal-ewwel domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk sistema li timponi fuq l-operaturi pubbliċi li jixtru l-elettriku prodott b'sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq, permezz ta' obbligu impost fuq il-konsumatur finali biex jiffinanzja dawn il-ħlasijiet, għandhiex titqies bħala "intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

24. Jeħtieġ li jitfakkar li l-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens ta' din id-dispożizzjoni tippresupponi li jkunu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet, jiġifieri li jkun hemm intervent tal-Istat jew permezz ta' riżorsi tal-Istat, li dan l-intervent ikun kapaċi jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, li dan l-intervent jagħti vantaġġ selettiv lill-benefiċjarju tiegħu u li dan l-intervent iwassal għal distorsjoni jew theddida ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni [7].

25. Id-domanda magħmula lill-Qorti tal-Ġustizzja tirrigwarda biss l-ewwel waħda minn dawn il-kundizzjonijiet, jiġifieri l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li jiġi nnotat li, skont ġurisprudenza stabbilita, miżura tista' tkun ikklassifikata bħala intervent tal-Istat jew bħala għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi mill-Istat jekk ikunu ssodisfatti żewġ kundizzjonijiet distinti u kumulattivi: 1) il-miżura tkun imputabbli lil Stat Membru u 2) il-miżura tingħata direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat [8].

26. Għal dak li jirrigwarda, fl-ewwel lok, il-kundizzjoni dwar l-imputabbiltà, jeħtieġ li jiġi eżaminat jekk l-Istat Membru għandux jitqies bħala li kien involut fl-adozzjoni ta' din il-miżura. Din il-kundizzjoni titqies issodisfatta meta l-miżura inkwistjoni tkun ġiet stabbilita mil-liġi jew minn leġiżlazzjoni [9]. F'dan ir-rigward, għandu jiġi kkonstatat li l-mekkaniżmu ta' kumpens inkwistjoni fil-kawża prinċipali ġie stabbilit b'mezz leġiżlattiv u għandu għaldaqstant jitqies imputabbli lill-Istat, ħaġa li, barra minn hekk, ma ġiet ikkontestata minn ebda waħda mill-partijiet ikkonċernati.

[7] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671, punt 17 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[8] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[9] Sentenza tat-28 ta' Marzu 2019, Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, iktar 'il quddiem is-"sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni", EU:C:2019:268, punt 49 u l-ġurisprudenza ċċitata).

27. Għal dak li jikkonċerna, fit-tieni lok, il-kundizzjoni dwar li l-vantaġġ jingħata permezz ta' riżorsi tal-Istat, għandu jiġi rrilevat li huma biss il-vantaġġi mogħtija direttament jew indirettament permezz ta' riżorsi tal-Istat li huma rrikonoxxuti bħala li jaqgħu taħt l-Artikolu 107(1) TFUE [10].

28. Ninnota mill-ewwel li l-osservazzjonijiet bil-miktub ippreżentati mill-Kummissjoni li jikkonċernaw dan it-tieni kriterju wasslu għal talba min-naħa tal-Gvern Ġermaniż biex dawn il-kawżi jiġu ttrattati mill-Awla Manja, skont l-Artikolu 16(3) tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea. Skont dan il-gvern, dan it-trattament huwa ġġustifikat minħabba l-fatt li l-problema dwar il-kriterji li għandhom jittieħdu inkunsiderazzjoni biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' "riżorsi tal-Istat" għandha portata ta' prinċipju għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE. B'mod iktar preċiż, dan il-Gvern isostni li n-natura fiskali ta' miżura ma tagħtix, waħidha, natura Statali lir-riżorsi rċevuti, u dan għall-kuntrarju tal-pożizzjoni li ġiet adottata mill-Kummissjoni fuq dan il-punt. Min-naħa l-oħra, ikun determinanti l-fatt li r-riżorsi rċevuti jkunu effettivament għad-dispożizzjoni tal-organi pubbliċi jew taħt il-kontroll tal-Istat. Fil-kuntest ta' evalwazzjoni globali, in-natura fiskali tikkostitwixxi biss indizju tal-eżistenza ta' kontroll pubbliku u tas-setgħa li r-riżorsi rċevuti jkunu għad-dispożizzjoni tal-organu pubbliku.

29. Qabel ma nieħu pożizzjoni fuq din il-problema, jeħtieġ li jiġi stabbilit jekk il-miżura inkwistjoni fil-kawżi prinċipali tinvolvix riżorsi tal-Istat.

1. L-evalwazzjoni tas-sistema Latvjana inkwistjoni fid-dawl tal-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja

30. Nirrileva mill-ewwel li żviluppat ġurisprudenza abbundanti fuq is-suġġett tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli implimentati mill-parti l-kbira tal-Istati Membri. Din il-ġurisprudenza tipprovdilna indikazzjonijiet utli biex tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari.

31. Għaldaqstant, mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li miżura li tikkonsisti fl-obbligu ta' xiri ta' enerġija tista' taqa' taħt il-kunċett ta' "għajnuna", minkejja li ma tinvolvix trasferiment tar-riżorsi tal-Istat [11]. L-Artikolu 107(1) TFUE jinkludi, fil-fatt, il-mezzi pekunjarji kollha li l-awtoritajiet pubbliċi jistgħu effettivament jużaw sabiex isostnu impriżi, irrispettivament minn jekk dawn il-mezzi jkunux assi permanenti tal-Istat jew le. Għaldaqstant, anki jekk is-somom li jikkorrispondu mal-miżura ta' għajnuna kkonċernata ma humiex permanentement fil-pussess tat-Teżor pubbliku, il-fatt li dawn huma kontinwament taħt kontroll pubbliku, u għalhekk għad-dispożizzjoni tal-awtoritajiet nazzjonali kompetenti, huwa suffiċjenti sabiex jiġu kklassifikati bħala "riżorsi tal-Istat" [12].

32. Il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet ukoll li l-fondi pprovduti permezz ta' kontribuzzjonijiet obbligatorji imposti mil-leġiżlazzjoni tal-Istat, ġestiti u mqassma skont din il-leġiżlazzjoni jistgħu jiġu kkunsidrati bħala riżorsi tal-Istat fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, anki jekk huma ġestiti minn entitajiet distinti mill-awtorità pubblika [13]. L-element deċiżiv, f'dan ir-rigward, jikkonsisti fil-fatt li tali entitajiet ikunu awtorizzati mill-Istat sabiex jiġġestixxu riżorsa tal-Istat, u mhux

[10] Sentenza tas-16 ta' Mejju 2002, Franza vs Il-Kummissjoni (C-482/99, EU:C:2002:294, punt 24).

[11] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[12] Sentenza tat-13 ta' Settembru 2017, ENEA (C-329/15, EU:C:2017:671, punt 25 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[13] Sentenzi tat-2 ta' Lulju 1974, L-Italja vs Il-Kummissjoni (173/73, EU:C:1974:71, punt 35), u tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punt 25).

sempliċiment ikunu marbuta b'obbligu ta' xiri permezz tar-riżorsi finanzjarji tagħhom stess [14]. F'dan ir-rigward, jeħtieġ li tkun teżisti rabta bejn, minn naħa, il-vantaġġ inkwistjoni u, min-naħa l-oħra, tnaqqis – tal-inqas potenzjali – tal-baġit tal-Istat [15]. Din ir-rabta teżisti fi kwalunkwe każ meta l-leġiżlatur jobbliga lill-utenti finali sabiex iħallsu, skont kriterju oġġettiv (pereżempju skont il-konsum tal-enerġija), kontribuzzjoni lill-awtorità pubblika. Tali kontribuzzjoni hija fil-fatt simili għal taxxa. L-istess japplika jekk il-kontribuzzjoni tingabar minn entità li ma hijiex l-awtorità pubblika, bħall-ġestjonarju tan-network [16].

33. Il-Qorti tal-Ġustizzja bbażat ruħha b'mod partikolari fuq l-elementi preċedenti biex tiddeċiedi li l-miżuri msemmija f'ċertu numru ta' kawżi li għandhom ċerta xebh mal-kawżi prinċipali kellhom jitqiesu bħala li jinvolvu riżorsi tal-Istat [17].

34. Barra mill-każijiet fejn il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li kien hemm kontroll mill-Istat fuq ir-riżorsi inkwistjoni, jeħtieġ ukoll li jiġu eżaminati ċ-ċirkustanzi li fihom il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tali kontroll ma kienx jeżisti.

35. Għaldaqstant, fis-sentenza PreussenElektra, il-Qorti tal-Ġustizzja kkonstatat li ma jkunux involuti riżorsi tal-Istat f'miżuri li permezz tagħhom l-Istat jillimita ruħu biex jiffissa prezz minimu jew massimu għax-xiri jew għall-bejgħ ta' prodott jew ta' servizz partikolari [18]. Minn dan isegwi li l-Istat la jikkontrolla u lanqas ikollu għad-dispożizzjoni tiegħu l-fondi meta l-leġiżlatur jipproċedi biex jirregola l-prezzijiet u jistabbilixxi, jekk ikun il-każ, il-mod ta' tqassim tal-piż finanzjarju li dan il-prezz jiġġenera bejn l-entitajiet privati kkonċernati, mingħajr, għall-bqija, ma jintervjeni fil-ġestjoni jew l-allokazzjoni tal-fondi. F'dan il-każ, l-entitajiet privati jiġġestixxu l-mezzi finanzjarji tagħhom stess u mhux riżorsi Statali.

36. Barra minn hekk, il-preżenza ta' riżorsi Statali ma tkunx stabbilita meta ħlas previst mil-liġi imposta fuq kategorija predefinita ta' persuni (jiġifieri l-konsumaturi) ma tkunx obbligatorja. Il-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat għaldaqstant fis-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni li, biex wieħed ikun jista' jitkellem fuq riżorsi tal-Istat, il-ħlas irid ikun obbligatorju *de jure*, fis-sens li n-natura obbligatorja tiegħu għandha tirriżulta mid-dritt nazzjonali [19]. Konsegwentement, jekk il-leġiżlazzjoni nazzjonali tillimita ruħha, sempliċiment, biex "tippermetti" r-riperkussjoni ta' ħlas fuq kategorija partikolari ta' persuni, ebda "ħlas obbligatorju" ma jkun jinsab impost fuq din il-kategorija ta' persuni u, għaldaqstant, ir-riżorsi bbażati fuq tali ħlas ma jsirux riżorsi tal-Istat.

37. Jeħtieġ issa li tiġi analizzata l-miżura Latvjana inkwistjoni fid-dawl tas-suespost.

38. Ninnota, fl-ewwel lok, li s-sistema implimentata mill-Gvern Latvjan kienet tinkludi ħlas obbligatorju li kien impost fuq il-konsumaturi finali kollha unilateralment mil-leġiżlatur permezz ta' att ġuridiku vinkolanti, b'mod li dan jista' jixbah taxxa [20].

[14] Sentenza tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 30 u 35 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[15] Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (punti 60 u 84 kif ukoll il-ġurisprudenza ċċitata).

[16] Sentenza tas-17 ta' Lulju 2008, Essent Netwerk Noord *et* (C-206/06, iktar 'il quddiem is-"sentenza Essent Netwerk Noord *et*", EU:C:2008:413, punti 45 sa 47 u 66), kif ukoll is-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (C-405/16 P, EU:C:2019:268, punti 65 sa 71).

[17] Sentenza Essent Netwerk Noord *et*. Ara wkoll is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851), kif ukoll tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407).

[18] Sentenza tat-13 ta' Marzu 2001 (C-379/98, iktar 'il quddiem is-"sentenza PreussenElektra", EU:C:2001:160, punti 58 u 59).

[19] Sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni (punti 70 u 71).

[20] Ara l-punt 32 ta' dawn il-konklużjonijiet.

39. Jeħtieġ li jiġi enfasizzat, fit-tieni lok, li l-ammonti miġbura mingħand il-konsumaturi finali li ntużaw għax-xiri tal-elettriku prodott b'sorsi rinnovabbli kienu amministrati minn organu taħt il-kontroll pubbliku, jiġifieri mill-kumpannija Latvenergo, li hija proprjetà 100 % tal-Istat. Din il-kumpannija kienet tamministra l-fondi li hija kienet tirċievi u kienet tqassamhom lill-fornituri tal-enerġija rinnovabbli skont il-kriterji ddefiniti mil-liġi Latvjana. Il-fatt li Latvenergo ma kellha ebda marġni ta' diskrezzjoni fl-allokazzjoni tal-fondi miġbura (li għandhom jintużaw biss għall-finijiet previsti minn din is-sistema) ma jneħħi xejn mill-fatt li huma l-awtoritajiet pubbliċi li jieħdu d-deċiżjonijiet kollha f'dan ir-rigward [21].

40. Għaldaqstant għandu jiġi kkonstatat li, matul iċ-ċiklu tal-ħajja tad-distribuzzjoni tal-fondi kkonċernati, jiġifieri mill-mument li dawn jinġabru mingħand il-konsumaturi finali tal-elettriku sat-tqassim tagħhom bejn l-impriżi inkwistjoni, dawn il-fondi kienu jinsabu b'mod kostanti taħt il-kontroll pubbliku f'qafas irregolat b'mod strett.

41. Nirrileva wkoll li, fid-dawl ta' dawn il-karatteristiċi, is-sistema Latvjana hija differenti mis-sistemi inkwistjoni fil-kawżi li wasslu għas-sentenzi PreussenElektra u Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni. Għaldaqstant, fis-sistema inkwistjoni fil-kawża prinċipali, it-tariffi marbutin max-xiri huma koperti b'att ġuridiku vinkolanti, jiġifieri l-ħlas obbligatorju impost bil-liġi, u dan għall-kuntrarju tat-taxxa inkwistjoni fil-kawża Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni. Barra minn hekk, b'kuntrast mas-sistema inkwistjoni fil-kawża PreussenElektra li kienet tipprevedi li l-finanzjament tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli kien joriġina esklużivament minn sorsi privati, il-fondi użati fil-kuntest tas-sistema Latvjana sabiex jiġu kkumpensati l-ispejjeż marbuta max-xiri ta' elettriku minn sorsi rinnovabbli bil-prezz ogħla ffissat mill-Istat kienu jinġabru mingħand il-konsumaturi finali. Għandu wkoll jitfakkar li l-obbligu ta' xiri fil-kuntest tas-sistema Latvjana huwa impost fuq operatur speċifiku, kompletament pubbliku, u mhux fuq entitajiet privati.

42. Fid-dawl tal-elementi preċedenti, jiena tal-fehma li, minkejja l-approċċ adottat li jikkonċerna l-problema li tqajmet mill-Gvern Ġermaniż, is-sistema Latvjana tinvolvi "riżorsi tal-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE. Fil-fatt, min-naħa, kif jispjega l-punt 38 ta' dawn il-konklużjonijiet, is-sistema hija ffinanzjata minn ħlas obbligatorju li jixbah lil taxxa. Min-naħa l-oħra, kif ġie espost fil-punti 39 u 40 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-riżorsi involuti fil-finanzjament tas-sistema jinġabru, huma ġestita u jitqassmu minn kumpannija totalment proprjetà tal-Istat u għaldaqstant jinsabu dejjem taħt il-kontroll tal-Istat.

2. Teħid ta' pożizzjoni fuq il-problema mqajma mill-Gvern Ġermaniż

43. Il-problema mqajma mill-Gvern Ġermaniż hija xhieda tal-kumplessità li toħloq l-interpretazzjoni tal-kunċett ta' "riżorsi tal-Istat", b'mod partikolari fil-qasam tal-enerġiji rinnovabbli. Għaldaqstant, l-isfida li għandha l-Qorti tal-Ġustizzja hija li tistabbilixxi punt ta' bilanċ bejn, min-naħa, ir-"riskju ta' sottoinklużjoni", li jwassal biex id-dritt tal-Unjoni jippermetti l-ħolqien ta' skemi kumplessi li jippermettu li jiġu evitati r-regoli li jirrigwardaw l-għajnuna mill-Istat u, min-naħa l-oħra, ir-"riskju ta' inklużjoni żejda", li tirriżulta mill-klassifikazzjoni bħala għajnuna mill-Istat tal-miżuri ta' appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli li ma jinvolvux l-użu ta' riżorsi tal-Istat.

[21] Ara, f'dan is-sens, is-sentenza Essent Netwerk Noord *et* (punti 69 u 70).

44. Huwa f'dan il-kuntest li l-Qorti tal-Ġustizzja ttrattat sensiela ta' kawżi li jirrigwardaw skemi ta' appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli implimentati mill-Istati Membri. Issa, l-element determinanti li joħroġ minn din il-ġurisprudenza huwa li, biex tiġi kkonstatata l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat, il-fondi involuti għandhom ikunu konsistentement taħt il-kontroll pubbliku u jkunu effettivament għad-dispożizzjoni tal-Istat. Fi kliem ieħor, l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat tkun tiddependi fuq il-grad ta' kontroll li l-Istat jeżerċita fuq il-fondi involuti.

45. Dan l-element jippermettilna, fl-ewwel lok, li tiġi evitata l-applikazzjoni tar-regoli tal-għajnuna mill-Istat meta l-Istat ma jkollu ebda kontroll fuq il-fondi involuti. Dan ikun il-każ, pereżempju, meta skema ta' appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli tipprevedi li l-fondi ta' oriġini privata jitqassmu bejn l-impriżi mingħajr ma dawn il-fondi jitpoġġew għad-dispożizzjoni tal-Istat, bħal fil-kawża li wasslet għas-sentenza PreussenElektra.

46. Fit-tieni lok, mill-ġurisprudenza mfakkra fil-punti 31 u 32 ta' dawn il-konklużjonijiet jirriżulta li l-kundizzjoni tal-kontroll tar-riżorsi tal-Istat titqies issodisfatta f'żewġ każijiet, jiġifieri, minn naħa, meta l-miżura inkwistjoni tikkonċerna fondi ffinanzjati minn taxxa jew ħlasijiet obbligatorji oħra bħalma huma l-kontribuzzjonijiet jew tariffi li minnhom jibbenefika l-baġit tal-Istat u jistgħu għaldaqstant jiġu assimilati ma' taxxa u, min-naħa l-oħra, meta l-leġiżlazzjoni nazzjonali timponi l-ħlas ta' kontribuzzjoni u meta l-fondi li jirriżultaw minnhom jiġu amministrati u minfuqa mill-Istat stess jew minn entità li taġixxi f'isem u taħt il-kontroll tal-Istat.

47. Dawn huma żewġ kundizzjonijiet kumulattivi? Din hija, essenzjalment, il-problema mqajma mill-Gvern Ġermaniż. Fil-fehma tiegħi, ir-risposta għal din id-domanda għandha tkun fin-negattiv.

48. Nikkunsidra li l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun interpretata fis-sens li, fil-preżenza ta' fondi ffinanzjati minn taxxa jew minn ħlasijiet, kontribuzzjonijiet jew tariffi oħra imposti fuq il-konsumatur finali kollha b'mod unilaterali mil-leġiżlatur permezz ta' att ġuridiku vinkolanti li jistgħu għaldaqstant jiġu assimilati għal taxxa, dawn ir-riżorsi jkollhom dejjem natura Statali – li ovvjament hija inerenti għall-kunċett ta' "taxxa" –, b'mod li l-kundizzjoni marbuta mal-kontroll tal-fondi mill-Istat u mat-tqegħid tagħhom għad-dispożizzjoni tal-Istat titqies issodisfatta. Jidhirli li din il-pożizzjoni hija kkonfermata wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [22].

49. Madankollu, din il-kundizzjoni ma hijiex l-unika waħda li tippermetti li miżura tiġi kklassifikata bħala li tinvolvi r-riżorsi tal-Istat. Għaldaqstant, l-eżistenza ta' riżorsi tal-Istat tista' tintwera wkoll permezz tat-tieni kriterju, li jippermetti li jiġi stabbilit li r-riżorsi miġbura fuq il-bażi ta' att leġiżlattiv ikunu jinsabu fil-fatt taħt il-kontroll tal-Istat [23].

50. Barra minn hekk, insostni li l-fatt li, f'ċerti kawżi, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li tipproċedi bl-analiżi ta' dan it-tieni kriterju, filwaqt li qabel hija kienet ikkonkludiet li kien hemm taxxa, ma għandux jiġi interpretat bħala rikonoxximent impliċitu tan-natura kumulattiva ta' dawn iż-żewġ kundizzjonijiet, kif isostni l-Gvern Ġermaniż. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-analiżi li l-Qorti tal-Ġustizzja ntalbet tagħmel, b'mod partikolari fil-kawżi ċċitati iktar 'il fuq, kienet tikkonċerna miżuri li jvarjaw sostanzjalment mill-aspett tal-kumplessità kemm ġuridika kif ukoll ekonomika.

[22] Ara s-sentenza Essent Netwerk Noord *et* (punti 69 sa 75); ara, ukoll, is-sentenzi tad-19 ta' Diċembru 2013, Association Vent De Colère! *et* (C-262/12, EU:C:2013:851, punti 21, 25, 28 sa 36; tal-15 ta' Mejju 2019, Achema *et* (C-706/17, EU:C:2019:407, punti 63 sa 67), kif ukoll tas-16 ta' Settembru 2021, FVE Holýšov I *et* vs Il-Kummissjoni (C-850/19 P, mhux ippubblikata, EU:C:2021:740, punt 46).

[23] Biex din il-kundizzjoni titqies issodisfatta, jeħtieġ li jintwera li l-fondi jingħabru u jiġu amministrati minn impriża li tinsab taħt il-kontroll tal-Istat.

Minn dan isegwi li l-analiżi "taċ-ċirkustanzi kollha" ta' miżura speċifika – biex nuża kliem il-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Essent Netwerk Noord *et* – tista' tirriżulta neċessarja f'każijiet fejn in-natura fiskali tal-miżura inkwistjoni ma tistax tintwera b'mod ċar u inekwivoku. Barra minn hekk, tali analiżi tkun ovvjament meħtieġa meta l-miżura inkwistjoni ma hijiex taxxa jew ħlas obbligatorju li jista' jkun assimilat għal taxxa.

51. Ninnota wkoll li n-natura alternattiva ta' dawn iż-żewġ "kundizzjonijiet" hija kkonfermata wkoll mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja. Għaldaqstant, skont l-interpretazzjoni tiegħi tas-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni [24] huwa minħabba li s-soprataxxa-EEG inkwistjoni f'dik is-sentenza ma kellhiex l-istess karatteristiċi bħas-suppliment fil-prezz tal-elettriku eżaminat mill-Qorti tal-Ġustizzja fis-sentenza Essent Netwerk Noord *et* (jiġifieri l-karatteristiċi ta' taxxa) li l-Qorti tal-Ġustizzja ħassitha obbligata li tivverifika l-elementi l-oħra adottati mill-Qorti Ġenerali fis-sentenza appellata favur l-oriġini Statali tar-riżorsi [25]. Barra minn hekk, fis-sentenza Achema *et* [26], il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li l-fondi miġbura b'mod obbligatorju mill-ġestjonarji ta' networks tal-elettriku mingħand operaturi ekonomiċi u konsumaturi finali jistgħu jitqiesu bħala riżorsi tal-Istat (punti 64 u 65 ta' din is-sentenza) u, sussegwentement, hija kkonstatat, "[b]arra minn hekk", li dawn il-fondi, li jitqassmu bejn il-benefiċjarji tal-iskema minn organu taħt il-kontroll pubbliku, li ma jgawdi minn ebda setgħa diskrezzjonali fir-rigward tad-determinazzjoni u tad-destinazzjoni ta' dawn il-fondi, għandhom jitqiesu bħala li jibqgħu taħt il-kontroll pubbliku (punti 66 u 67 tal-imsemmija sentenza).

3. Risposta għad-domanda preliminari

52. Fid-dawl tas-suespost, jiena tal-fehma li jeħtieġ li tingħata risposta għall-ewwel domanda preliminari fis-sens li l-obbligu li bih l-operatur pubbliku għandu jixtri l-elettriku mingħand produtturi li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq, billi japprofittaw mill-obbligu li bih il-konsumatur finali għandu jħallas prezz proporzjonat għall-konsum, għandu jitqies bħala għajnuna mogħtija permezz ta' riżorsi tal-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

B. Fuq it-tieni domanda preliminari

53. Permezz tat-tieni domanda preliminari tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, liema elementi jippermettu li tiġi ddeterminata d-data tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku fil-Latvja u safejn is-sitwazzjoni tal-imsemmi suq qabel is-sena 2007 kellha impatt fuq l-evalwazzjoni tal-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

54. Skont il-Gvern Latvjan, din id-domanda għandha tiġi ddikjarata inammissibbli mill-Qorti tal-Ġustizzja peress li ma tistax ikollha effett fuq l-eżitu tal-kawża prinċipali inkwantu l-kumpensi mitluba mir-rikorrenti jaqgħu taħt il-kriterji ta' "għajnuna mill-Istat", indipendentement mill-mument tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-elettriku.

[24] Ara l-punti 65 sa 72 ta' din is-sentenza. Ara wkoll f'dan is-sens, is-sentenza tas-16 ta' Settembru 2021, FVE Holýšov *et* (C-850/19 P, EU:C:2021:740, punt 46).

[25] Għaldaqstant, fil-punt 72 tas-sentenza Il-Ġermanja vs Il-Kummissjoni, kien biss wara li eskludiet l-eżistenza ta' "taxxa speċjali" li l-Qorti tal-Ġustizzja kkunsidrat li, "[k]onsegwentement", kien hemm lok jiġi vverifikat jekk iż-żewġ elementi l-oħrajn imsemmija (jiġifieri l-kontroll Statali fuq il-fondi jew fuq il-ġestjonarji tan-network) kinux jippermettulha "madankollu" li tikkonkludi li l-fondi ġġenerati mis-soprataxxa "EEG" kienu jikkostitwixxu riżorsi tal-Istat.

[26] Sentenza tal-15 ta' Mejju 2019 (C-706/17, EU:C:2019:407).

55. Għalkemm huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju, li hija l-unika waħda li għandha l-kompetenza biex tikkonstata u tevalwa l-fatti tal-kawża prinċipali, biex tiddeċiedi dwar din id-domanda, jidhirli li, b'din id-domanda, din il-qorti tistaqsi dwar il-possibbiltà li jkun hemm għajnuna mill-Istat f'suq li ma huwiex illiberalizzat. Fil-fatt, tista' tqum id-domanda dwar jekk, fl-assenza tal-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija, uħud mill-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 107(1) TFUE jistgħux ikunu nieqsa. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-klassifikazzjoni bħala "għajnuna mill-Istat" tippresupponi li jkunu ssodisfatti erba' kundizzjonijiet, fosthom dawk li l-għajnuna għandha twassal għal "distorsjoni tal-kompetizzjoni" u "taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri".

56. Għandu jiġi nnotat, minn naħa, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li vantaġġ mogħti lil ċerti impriżi, pereżempju fil-forma ta' sussidji, jista' jaffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri u jkun ta' distorsjoni tal-kompetizzjoni, anki qabel il-liberalizzazzjoni kompleta tas-suq fis-settur ikkonċernat[27]. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tal-Ġustizzja rrilevat li huwa l-kompitu tal-qorti nazzjonali li tevalwa jekk is-suq huwiex miftuħ għall-kompetizzjoni[28]. Issa, il-qorti tar-rinviju tidher li rrispondiet fl-affermattiv għal din id-domanda, billi indikat li s-suq tal-elettriku Latvjan kien diġà lliberalizzat (u marbut ma' swieq tal-elettriku ta' Stati Membri oħra) qabel l-1 ta' Lulju 2007 u, konsegwentement, qabel iż-żmien tal-fatti tal-kawżi prinċipali.

57. F'dawn iċ-ċirkustanzi, jidhirli li t-tieni domanda għandha tiġi ddikjarata inammissibbli mill-Qorti tal-Ġustizzja peress li tidher li hija ipotetika u ma taffettwax l-eżitu tal-kawżi prinċipali. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li hija ma għandhiex kompetenza biex tipprovdi risposta lill-qorti tar-rinviju, meta d-domandi magħmula lilha ma juru ebda rabta mal-fatti jew is-suġġett tal-proċedura prinċipali u ma jindirizzawx għaldaqstant bżonn oġġettiv għas-soluzzjoni tal-kawża prinċipali[29].

C. Fuq it-tielet domanda preliminari

58. Fid-dawl tar-risposta li nipproponi li tingħata għall-ewwel domanda preliminari, jiena tal-fehma li ma hemmx bżonn li tingħata risposta għat-tielet domanda. F'każ li l-Qorti tal-Ġustizzja tikkunsidra li jeħtieġ li tingħata risposta għal din id-domanda, jiena nirreferi għall-analiżi li ġejja dwar ir-raba' domanda preliminari.

D. Fuq ir-raba' u d-disa' domanda preliminari

59. Permezz tar-raba' domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, f'każ fejn il-miżura inkwistjoni kellha tiġi kklassifikata bħala "għajnuna mill-Istat", il-fatt li tintlaqa' t-talba għad-danni jkunx jikkostitwixxi għajnuna ġdida jew għandux jiġi mxebbah mal-ħlas ta' parti mill-għajnuna mill-Istat mhux miġbura minn qabel. Permezz tad-disa' domanda tagħha, din il-qorti tistaqsi fuq il-punt dwar jekk għajnuna mill-Istat mogħtija bħala tali kumpens għandhiex tiġi kklassifikata bħala "għajnuna ġdida" jew "għajnuna eżistenti", fis-sens tal-Artikolu 1(b) u (c) tar-Regolament 2015/1589. Jien tal-fehma li dawn iż-żewġ domandi għandhom jiġu eżaminati flimkien minħabba li huma konnessi bejniethom.

[27] Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo (C-140/09, EU:C:2010:335, punt 49).

[28] Sentenza tal-10 ta' Ġunju 2010, Fallimento Traghetti del Mediterraneo (C-140/09, EU:C:2010:335, punt 50).

[29] Sentenza tas-17 ta' Mejju 1994, Corsica Ferries (C-18/93, EU:C:1994:195, punt 14).

1. Fuq l-effett tal-klassifikazzjoni tat-talbiet għal kumpens tar-rikorrenti fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw l-għajnuna mill-Istat

60. Jeħtieġ li jiġi osservat, fl-ewwel lok, li l-partijiet fil-kawża prinċipali qajmu l-punt dwar jekk il-konstatazzjoni dwar l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat tistax tiddependi fuq il-klassifikazzjoni tar-rikorsi ppreżentati skont id-dritt nazzjonali.

61. F'dan ir-rigward, ir-rikorrenti u l-Gvern Olandiż jikkunsidraw li l-qorti tar-rinviju, fil-kawżi prinċipali, għandha tiddeċiedi fuq talba għad-danni bbażata fuq ir-responsabbiltà aquiliana tal-awtorità regolatorja. Fil-fatt, id-dannu li għalih intalab kumpens jirriżulta min-nuqqas imwettaq minn din l-awtorità li ġie wkoll ikkonstatat minn qorti nazzjonali. Għaldaqstant, filwaqt li jibbażaw ruħhom fuq il-ġurisprudenza bbażata fuq is-sentenza tas-27 ta' Settembru 1988, Asteris *et* (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457) deskritta fil-punt 63 ta' dawn il-konklużjonijiet, ir-rikorrenti jsostnu li l-fatt li azzjoni mibdija hija azzjoni għad-danni huwa suffiċjenti, minnu nnifsu, biex jeskludi l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat.

62. Min-naħa l-oħra, il-Gvern Latvjan isostni li l-kumpens mitlub mir-rikorrenti jikkorrispondi mhux għal azzjoni għad-danni bbażata fuq dannu kkawżat b'intervent Statali – u dan minkejja l-klassifikazzjoni ta' din l-azzjoni bħala tali taħt id-dritt nazzjonali –, imma pjuttost għall-ksib ta' vantaġġ previst fl-Artikolu 30(3) tal-Liġi dwar is-Suq tal-Elettriku [30].

63. Jeħtieġ li jiġi rrilevat, fit-tieni lok, li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet fuq kwistjoni simili fis-sentenza Asteris *et* meta ddeċidiet li l-għajnuna mill-Istat għandha natura ġuridika fundamentalment differenti mid-danni li l-awtoritajiet nazzjonali jiġu kkundannati jħallsu lill-individwi bħala kumpens ta' dannu li huma jkunu kkawżawlhom [31]. Għaldaqstant, bil-ħlas ta' kumpens, l-Istat jimmira li jirripristina s-sitwazzjoni finanzjarja li kienet tkun teżisti kieku huwa ma jkunx iggravaha bl-intervent tiegħu. Ma hemm ebda dubju li ċerti forom ta' kumpens mogħtija lill-impriżi ma jikkostitwixxux għajnuna mill-Istat. Min-naħa l-oħra, l-għan ta' għajnuna mill-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE, huwa li tagħti lil ċerti impriżi vantaġġ li jtejjeb is-sitwazzjoni finanzjarja eżistenti tagħhom u l-pożizzjoni tagħhom fis-suq meta mqabbla ma' kompetituri oħra.

64. Madankollu, tali azzjonijiet għad-danni ma jistgħux iwasslu biex tiġi evitata l-applikazzjoni effettiva tar-regoli fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat [32]. Persuni li ma setgħux jibbenefikaw minn għajnuna mhux innotifikata lill-Kummissjoni u mhux awtorizzata minnha ma jistgħux jitolbu bħala "danni" l-ekwivalenti tal-ammont tal-għajnuna mhux irċevuta, peress li dan ikun jammonta għal għoti indirett ta' għajnuna illegali [33].

65. Ninnota, fit-tielet lok, li l-fatt li l-ħlas ta' somma jirriżulta minn deċiżjoni ġudizzjarja ma jeskludix, minnu nnifsu, li dan jista' jkun ikklassifikat bħala "għajnuna mill-Istat". B'hekk, fis-sentenza Buonotourist vs Il-Kummissjoni, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Italja kienet tat għajnuna mill-Istat permezz ta' sentenza tal-Consiglio di Stato (il-Kunsill tal-Istat, l-Italja), li kien ta lil fornitur ta' servizzi ta' trasport tal-linja kumpens għal obbligi ta' servizz pubbliku [34]. Bl-istess

[30] Din id-dispożizzjoni kienet tipprevedi d-dritt li tbiegħ l-elettriku żejjed lill-operatur pubbliku bi prezz li jikkorrispondi għal darbtejn it-tariffa medja tal-bejgħ tal-elettriku, ogħla minn dak stabbilit matul il-perijodu kkonċernat.

[31] Sentenza tas-27 ta' Settembru 1988 (106/87 sa 120/87, EU:C:1988:457, punt 23).

[32] Sentenza tal-11 ta' Novembru 2015, Klausner Holz Niedersachsen (C-505/14, EU:C:2015:742, punti 42 sa 44).

[33] Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Ruiz-Jarabo Colomer fil-kawżi magħquda Atzeni *et* (C-346/03 u C-529/03, EU:C:2005:256, punt 198).

[34] Sentenza tal-4 ta' Marzu 2020 (C-586/18 P, EU:C:2020:152, punti 88 sa 97).

mod, fis-sentenza DEI u Il-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li l-Greċja kienet tat għajnuna mill-Istat permezz ta' digriet għal miżuri provviżorji tal-Protodikeio Athinon (il-Qorti tal-Ewwel Istanza ta' Ateni, il-Greċja) li kienet stabbilixxiet mill-ġdid, għal diversi xhur, l-applikazzjoni tar-rata preferenzjali għall-provvista tal-elettriku favur produttur tal-aluminju [35].

66. Huwa minnu li, mill-perspettiva purament teorika, li għajnuna mill-Istat titqies li tkun tista' tingħata minn qorti nazzjonali tmur kontra l-prinċipju tas-separazzjoni tal-poteri. Fil-fatt, deċiżjoni ġudizzjarja ma toħloqx (minnha nfisha) drittijiet ġodda li ma kinux jeżistu qabel imma hija limitata biex tinterpreta u tapplika regoli ta' dritt eżistenti. Madankollu, din il-pożizzjoni ta' prinċipju ma tistax tiġi applikata b'mod sħiħ fil-qasam tal-għajnuna mill-Istat, b'mod partikolari fid-dawl tal-fatt li ma tagħmilx differenza għal dan tal-aħħar fir-rigward tal-organu Statali li jagħti l-għajnuna (inkluż meta dan ikun qorti).

67. Għar-raġunijiet li ġejjin, jiena tal-fehma li deċiżjoni ġudizzjarja li tilqa' t-talbiet ippreżentati mir-rikorrenti tista' tikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat" u dan irrispettivament mill-klassifikazzjoni ta' dawn ir-rikorsi bħala azzjonijiet għad-danni, taħt id-dritt nazzjonali.

68. Dan joħroġ, fil-fehma tiegħi, l-ewwel nett, kemm mill-imsemmija sentenza Buonotourist vs Il-Kummissjoni, iċċitata fil-punt 65 ta' dawn il-konklużjonijiet, kif ukoll mill-ġurisprudenza stabbilita tal-Qorti tal-Ġustizzja li tgħid li l-miżuri ta' għajnuna mill-Istat huma ddefiniti oġġettivament mill-effetti tagħhom u mhux mill-kawżi tagħhom jew mill-għanijiet tagħhom [36]. Issa, il-fatt li l-eżistenza ta' għajnuna mill-Istat tiġi eskluża awtomatikament meta deċiżjoni tirrigwarda "formalment" talba għal kumpens iwassal biex il-kunċett ta' għajnuna mill-Istat ma jkunx iddefinit oġġettivament skont l-effetti tiegħu, imma suġġettivament skont l-awtorità pubblika li adottatha.

69. Imbagħad, li jittieħed kriterju formali fuq il-bażi biss tad-dritt nazzjonali biex jiġu identifikati liema azzjonijiet jistgħu jagħtu dritt għall-għoti ta' għajnuna mill-Istat joħloq, fil-fehma tiegħi, riskju reali ta' evażjoni tad-dispożizzjonijiet tad-dritt tal-Unjoni dwar l-għajnuna mill-Istat. Għaldaqstant, ikun biżżejjed li talba għall-għajnuna mill-Istat illegali ssir bħala talba għad-danni biex tevita r-regoli dwar l-għajnuna mill-Istat u għall-istħarriġ kemm tal-Kummissjoni kif ukoll tal-qrati nazzjonali. Issa, huwa evidenti li tali soluzzjoni tippreġudika l-effett utli tal-Artikolu 108(3) TFUE.

70. Fl-aħħar nett, dawn il-kawżi juru, fil-fehma tiegħi, b'mod pjuttost impressjonanti dan ir-riskju, inkwantu jidher li – fuq il-bażi tal-verifiki li għandha tagħmel il-qorti tar-rinviju – l-azzjonijiet għad-danni jwasslu għall-istess riżultat bħall-applikazzjoni tal-liġi li tipprevedi x-xiri tal-elettriku bi prezz ogħla, li tikkostitwixxi għajnuna mill-Istat (kif ġie kkonstatat b'risposta għall-ewwel domanda preliminari). Għaldaqstant, permezz tal-azzjonijiet għad-danni, ir-rikorrenti jitolbu lil qorti nazzjonali biex tagħtihom għajnuna mill-Istat li minnha ma setgħux jibbenefikaw qabel skont il-liġi. Il-fatt li t-talbiet tar-rikorrenti huma kklassifikati bħala talbiet għall-kumpens skont id-dritt nazzjonali ma jbiddel xejn minn din il-konstatazzjoni. Konsegwentement, il-kumpens mitlub mir-rikorrenti jista' jitqies bħala "għajnuna mill-Istat" fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

[35] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016 (C-590/14 P, EU:C:2016:797, punti 58 u 59).

[36] Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 17).

2. Fuq il-klassifikazzjoni tat-talbiet għall-kumpens bħala għajnuna "ġdida" jew "eżistenti"

71. Jidhirli li r-risposta għad-domanda dwar jekk, f'dan il-każ, teżistix "għajnuna ġdida" jew "għajnuna eżistenti" tista' tiġi dedotta mingħajr diffikultà kbira mill-qari tar-Regolament 2015/1589.

72. Infakkar, f'dan ir-rigward, li l-Artikolu 1(c) ta' dan ir-regolament jipprovdi li, "għajnuna ġdida" tfisser kull għajnuna, jiġifieri, skemi ta' għajnuna u għajnuna individwali, li ma jkunux għajnuna eżistenti, inkluż tibdil fl-għajnuna eżistenti. Għaldaqstant, b'effett mill-mument li fih jingħataw il-kumpensi lir-rikorrenti ma jaqgħu taħt ebda kategorija ta' "għajnuna eżistenti" msemmija fil-punt (b) ta' dan l-artikolu, dawn jikkostitwixxu "għajnuna ġdida". B'mod partikolari, l-għajnuna mill-Istat mitluba mir-rikorrenti ma taqax manifestament taħt il-punti (ii) u (iii) tal-imsemmi dispożizzjoni, peress li hija ma ġietx approvata mill-Kummissjoni jew mill-Kunsill u lanqas ġiet innotifikata lill-Kummissjoni.

73. Fid-dawl tas-suespost, nipproponi li tingħata risposta għar-raba' u disa' domanda preliminari fis-sens li deċiżjoni li permezz tagħha l-qorti nazzjonali tagħti d-danni lir-rikorrenti tista' tikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u għandha tkun ikklassifikata bħala "għajnuna ġdida" fis-sens tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament 2015/1589, peress li ma taqa' taħt ebda kategorija ta' "għajnuna eżistenti" msemmija fl-Artikolu 1(b) ta' dan ir-regolament.

E. Fuq il-ħames domanda preliminari

74. Permezz tal-ħames domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi essenzjalment jekk, f'każ fejn it-talbiet għall-kumpens inkwistjoni fil-kawża prinċipali kellhom jitqiesu bħala talbiet għal ħlas ta' għajnuna mill-Istat mhux irċevut minn qabel, dan il-ħlas għandux jiddependi mis-sitwazzjoni attwali tas-suq tal-elettriku u tal-leġiżlazzjoni nazzjonali fis-seħħ, inkluż ir-restrizzjonijiet attwali fil-qasam tal-kumpens żejjed.

75. Meħud kont tar-risposta li nipproponi li tingħata lir-raba' domanda, nikkunsidra li ma hemmx lok li tingħata risposta għall-ħames domanda.

76. Fi kwalunkwe każ, jien tal-fehma li din id-domanda hija inammissibbli, peress li tidher li tirrigwarda l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà, mas-suq intern tal-elettriku, tal-ħlas tal-kumpensi inkwistjoni, jekk wieħed jikkunsidrahom bħala għajnuna mill-Istat mogħtija fuq il-bażi tal-iskema ta' għajnuna mill-Istat fis-seħħ bejn is-snin 2005 sa 2008. Infakkar, f'dan ir-rigward, li minn ġurisprudenza stabbilita jirriżulta li l-evalwazzjoni tal-kompatibbiltà ta' miżuri ta' għajnuna, jew ta' skema ta' għajnuna mas-suq komuni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni, li hija suġġetta għall-istħarriġ tal-qorti tal-Unjoni [37].

[37] Sentenza tat-23 ta' Marzu 2006, Enirisorse (C-237/04, EU:C:2006:197, punt 23).

F. Fuq is-sitt u s-seba' domanda preliminari

77. Permezz tas-sitt u s-seba' domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, min-naħa, il-fatt li l-impjanti tal-enerġija eolika, kuntrarjament għall-impjanti tal-enerġija idroelettrika, ibbenefikaw minn għajnuna kompleta fil-passat u jekk, min-naħa l-oħra, il-fatt li hija biss parti mill-produtturi tal-enerġija idroelettrika li ġew ikkumpensati humiex rilevanti għall-interpretazzjoni tal-Artikolu 107(1) TFUE.

78. L-istess kemm bħall-Kummissjoni kif ukoll bħall-Gvern Latvjan, jien tal-fehma li dawn iċ-ċirkustanzi huma irrilevanti għas-soluzzjoni tal-kawżi prinċipali. Fil-fatt, dawn il-fatti jikkostitwixxu eventwalment elementi ta' evalwazzjoni tal-kompatibbiltà tal-iskema ta' għajnuna fis-seħħ bejn is-snin 2005 sa 2008 mas-suq intern, li, kif ġie ppreċiżat fil-punt 76 ta' dawn il-konklużjonijiet, taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, fil-fehma tiegħi, dawn id-domandi għandhom jiġu miċħuda bħala inammissibbli.

G. Fuq it-tmien domanda preliminari

79. Permezz tat-tmien domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk il-kriterji previsti għall-għajnuna *de minimis* japplikawx għall-għajnuna inkwistjoni f'dawn il-kawżi inkwantu l-ammont tagħha ma jaqbiżx il-limitu *de minimis* iffissat fl-Artikolu 3(2) tar-Regolament Nru 1407/2013 [38].

80. Jeħtieġ li jitfakkar li l-Artikolu 5(2) ta' dan ir-regolament jipprevedi li l-limitu massimu tal-għajnuna *de minimis* għandu jiġi evalwat fid-dawl tal-għajnuna diġà rċevuta mir-rikorrenti fuq l-istess bażi tal-istess leġiżlazzjoni matul l-istess perijodu.

81. Nenfasizza wkoll li, għalkemm il-qrati nazzjonali ma għandhomx ġurisdizzjoni biex jiddeċiedu fuq il-kompatibbiltà ta' għajnuna mill-Istat mas-suq intern, min-naħa l-oħra huma jistgħu jkunu aditi b'tilwim li jobbligawhom jinterpretaw u japplikaw il-kunċett ta' għajnuna, imsemmi fl-Artikolu 107(1) TFUE, b'mod partikolari bil-għan li jiġi ddeterminat jekk miżura introdotta mingħajr teħid inkunsiderazzjoni tal-proċedura ta' kontroll minn qabel prevista fl-Artikolu 108(3) TFUE għandhiex tkun suġġetta għaliha jew le [39].

82. Għaldaqstant, il-qorti tar-rinviju tista' tiġi mitluba tevalwa jekk għajnuna mill-Istat taqax taħt l-iskema derogatorja tal-għajnuna *de minimis*. Għaldaqstant, hija din il-qorti li għandha tivverifika, f'kull waħda mill-kawżi prinċipali, jekk l-għajnuna inkwistjoni takkumulax mal-għajnuna l-oħra mill-Istat rċevuta diġà mir-rikorrenti skont il-liġi dwar is-suq tal-elettriku jew skont skemi oħra ta' għajnuna awtorizzati mill-Kummissjoni [40].

83. Fid-dawl tas-suespost, jeħtieġ li tingħata risposta għat-tmien domanda preliminari fis-sens li huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament Nru 1407/2013, jekk il-kumulu tal-għajnuna inkwistjoni f'kull waħda mill-kawżi prinċipali flimkien ma' għajnuna oħra rċevuta mill-istess rikorrenti jwassalx biex jinqabeż il-limitu ffissat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament.

[38] Din id-domanda tidher li hija motivata mill-fatt li kull wieħed mill-ammonti miksuba mir-rikorrenti huwa, fil-fatt, inqas mil-limitu *de minimis*.

[39] Sentenza DEI u Il-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados (C-590/14 P, EU:C:2016:797, punt 98 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[40] Ninnota, f'dan ir-rigward, li kemm il-qorti tar-rinviju kif ukoll ċerti partijiet fil-proċedura jirreferu għall-iskema ta' għajnuna mill-Istat li kienet fis-seħħ b'mod parallel mal-miżura inkwistjoni fil-kawża prinċipali u li ġiet approvata bid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni SA.43140 (2015/NN) tal-24 ta' April 2017 – Appoġġ għall-enerġiji rinnovabbli u għall-koġenerazzjoni.

H. Fuq l-għaxar domanda preliminari

84. Permezz tat-tieni domanda tagħha, il-qorti tar-rinviju tixtieq tkun taf liema hu l-punt tat-tluq tal-preskrizzjoni ta' għaxar snin fis-sens tal-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2015/1589.

85. L-istess bħall-Gvern Latvjan, nikkunsidra li ma hijiex meħtieġa risposta għal din id-domanda, peress li din hija bbażata fuq l-ipoteżi li l-għoti tal-kumpensi inkwistjoni jixbah għajnuna eżistenti, filwaqt li dawn il-kumpensi għandhom jitqiesu bħala "għajnuna ġdida".

86. Fi kwalunkwe każ, jeħtieġ li jiġi nnotat li l-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li d-data li fiha l-għajnuna illegali tingħata effettivament lill-benefiċjarju tagħha tikkostitwixxi l-punt tat-tluq tat-terminu tal-preskrizzjoni [41], filwaqt li jiġi ppreċiżat li d-data tal-għoti tal-għajnuna ma tikkorrispondix għad-data tal-adozzjoni tal-iskema ta' għajnuna [42]. Infakkar ukoll, f'dan ir-rigward li, fis-sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et* (C-638/19 P, EU:C:2022:50) (fil-kawża magħrufa bl-isem ta' "Micula"), il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-formazzjoni tal-Awla Manja, ippreċiżat li l-mument tal-għoti ta' għajnuna eventwali ma kienx dak li fih ir-rikorrent kiseb id-dritt sostantiv li jitlob kumpens lill-Istat minħabba ksur allegat, imma dak li fih dak id-dritt kien irrikonoxxut u kkwantifikat f'digriet ta' tribunal ta' arbitraġġ. Fil-fatt, huwa biss f'dan il-mument preċiż li rikorrent jista' jikseb il-ħlas effettiv tal-kumpens mitlub, billi jakkwista dritt definittiv li jirċievi din l-għajnuna, u li l-Istat huwa obbligat li jagħti din l-għajnuna. Huwa wkoll f'din id-data li l-miżura setgħet twassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni u taffettwa l-kummerċ bejn l-Istati Membri, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE [43].

87. Jeħtieġ madankollu li jiġi ppreċiżat li, f'dan il-każ, is-sentenzi tal-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) pprevedew is-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tagħhom sakemm issir in-notifika tal-għajnuna li huma jagħtu u tad-deċiżjoni sussegwenti tal-Kummissjoni li tikkonċernahom. Konsegwentement, l-għoti effettiv tal-għajnuna, jiġifieri l-ħlas tal-kumpensi, għadu ma seħħx u t-terminu ta' preskrizzjoni previst fl-Artikolu 17(2) tar-Regolament 2015/1589 ma bediex jiddekorri.

88. Fid-dawl tar-risposta mogħtija lir-raba' u disa' domanda preliminari, jeħtieġ li tingħata risposta għall-għaxar domanda preliminari li, fid-dawl tal-klassifikazzjoni tal-azzjoni għad-danni bħala "għajnuna ġdida", il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589 ma humiex issodisfatti, peress li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin mill-għoti tal-għajnuna ma ddekorriex. Dan it-terminu jibda jiddekorri b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-sentenza li laqgħet it-talba għad-danni, fejn din id-data tikkostitwixxi l-ġurnata li fiha tingħata l-għajnuna lill-benefiċjarju fis-sens tal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament.

I. Fuq id-domanda preliminari ħdax

89. Permezz tad-domanda ħdax, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk, fid-dawl tal-Artikolu 108(3) TFUE kif ukoll tal-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament 2015/1589, hija tistax tilqa' talba għad-danni biss bil-kundizzjoni sospensiva li hija tkun innotifikata minn qabel lill-Kummissjoni u li din tal-aħħar tawtorizzaha.

[41] Sentenza tas-26 ta' April 2018, ANGED (C-233/16, EU:C:2018:280, punti 79 u 82).

[42] Sentenza tat-8 ta' Diċembru 2011, France Télécom vs Il-Kummissjoni (C-81/10 P, EU:C:2011:811, punt 81).

[43] Sentenza tal-25 ta' Jannar 2022, Il-Kummissjoni vs European Food *et* (C-638/19 P, EU:C:2022:50, punti 123 sa 125).

90. Infakkar, qabel xejn, li l-missjoni li d-dritt tal-Unjoni jagħti lill-qrati nazzjonali fl-implimentazzjoni tas-sistema ta' kontroll tal-għajnuna Statali [44] tinvolvi b'mod partikolari l-obbligu, meta dawn il-qrati jikkonstataw li l-miżura kkonċernata kellha tkun innotifikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 108(3) TFUE, li jivverifikaw jekk l-Istat Membru kkonċernat ikkonformax ruħu ma' dan l-obbligu u, jekk dan ma jkunx il-każ, li tiddikjara din il-miżura illegali [45]. Minn dan isegwi li qorti nazzjonali hija obbligata tislet il-konsegwenzi kollha, skont id-dritt nazzjonali tagħha, ta' ksur tar-regoli ta' għajnuna mill-Istat, u, b'mod iktar partikolari, ta' ksur tal-Artikolu 108(3) TFUE.

91. Mill-ġurisprudenza ċċitata iktar 'il fuq, jirriżulta għaldaqstant li l-qorti tar-rinviju ma tistax tilqa' t-talbiet għad-danni tal-produtturi, peress li dawn it-talbiet huma bbażati fuq għajnuna illegali. Kif ġie ppreċiżat fil-punt 70 ta' dawn il-konklużjonijiet, id-dritt għall-kumpens ikollu *de facto* l-istess effett bħall-applikazzjoni ta' leġiżlazzjoni li tikser id-dritt tal-Unjoni li tinvolvi distorsjoni tal-kompetizzjoni. Il-produtturi jirċievu, fil-fatt, somma ekwivalenti għal dik li huma kienu jirċievu f'każ ta' skema ta' għajnuna illegali, ħaġa li l-qorti nazzjonali għandha, fil-prinċipju, tipprekludi.

92. Barra minn hekk, infakkar li fil-kuntest tat-tqassim tal-kompetenzi bejn il-Kummissjoni u l-qrati nazzjonali, dawn tal-aħħar jevalwaw l-eżistenza ta' għajnuna, imma mhux il-kompatibbiltà tagħha mas-suq intern, peress li din l-aħħar evalwazzjoni taqa' taħt il-kompetenza esklużiva tal-Kummissjoni u hija suġġetta għall-istħarriġ tal-Qorti tal-Ġustizzja [46].

93. Issa, f'dan il-każ, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) issuġġettat id-danni għal klawżola sospensiva, li bis-saħħa tagħha l-awtoritajiet Latvjani ma għandhom iħallsu ebda għajnuna, sakemm ma jkunux innotifikawha u jkunu kisbu l-awtorizzazzjoni minn qabel tal-Kummissjoni. Għaldaqstant, meta fis-sentenzi tagħha tal-31 ta' Mejju u tal-10 ta' Lulju 2019 hija pprovdiet li l-kumpensi li hija kkundannat lill-awtoritajiet nazzjonali sabiex iħallsu lir-rikorrenti jistgħu jseħħu biss wara li l-Kummissjoni tkun tat l-awtorizzazzjoni tagħha jew tkun meqjusa li tatha, l-Administratīvā apgabaltiesa (il-Qorti Amministrattiva Reġjonali) osservat ir-rekwiżiti previsti fl-Artikolu 108(3) TFUE.

94. Għaldaqstant, jidhirli li għandha tingħata risposta għad-domanda ħdax fis-sens li l-Artikolu 108(3) TFUE u l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament 2015/1589 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jawtorizzaw l-għoti ta' għajnuna mill-Istat meta qorti nazzjonali tilqa' talba għad-danni bil-kundizzjoni li l-Istat Membru kkonċernat jipproċedi bin-notifika tal-għajnuna inkwistjoni lill-Kummissjoni u jirċievi deċiżjoni ta' din li tawtorizza din il-miżura ta' għajnuna.

J. Fuq id-domanda preliminari tnax

95. Permezz tad-domanda tnax tagħha, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk għall-evalwazzjoni ta' eżistenza ta' għajnuna mill-Istat huwiex rilevanti li d-danni jintalbu mingħand awtorità pubblika distinta minn dik li, fil-prinċipju, hija obbligata tixtri l-elettriku "aħdar" mingħand il-produtturi u li l-baġit tagħha huwa ddedikat biss li jiżgura l-funzjonament tagħha stess.

[44] Sentenza tas-26 ta' Ottubru 2016, DEI u Il-Kummissjoni vs Alouminion tis Ellados, (C-590/14 P, EU:C:2016:797, punti 95 sa 98 u l-ġurisprudenza ċċitata).

[45] Sentenza tad-19 ta' Marzu 2015, OTP Bank (C-672/13, EU:C:2015:185, punt 68).

[46] Sentenza tat-2 ta' Mejju 2019, A-Fonds (C-598/17, EU:C:2019:352, punti 45 u 46).

96. Fi kliem ieħor, din id-domanda ssarraf li jiġi mistoqsi jekk l-istatus ġuridiku u l-missjonijiet li jingħataw lill-persuna ġuridika li hija obbligata tħallas vantaġġ finanzjarju humiex rilevanti biex jiġi evalwat jekk dan il-vantaġġ jingħatax permezz ta' "riżorsi tal-Istat". Din id-domanda tidher li toħroġ mill-karatteristiċi partikolari ta' dawn il-kawżi u, b'mod partikolari, mill-partikolarità tad-dritt nazzjonali li, f'dan il-każ, jafda l-iffissar tat-tariffa ogħla tal-elettriku lil persuna distinta minn dik li għandha l-kompetenza li tixtri l-elettriku "aħdar" b'din it-tariffa [47]. Madankollu, skont id-dritt nazzjonali l-awtorità regolatorja ma setgħetx, fil-prinċipju, tuża l-baġit tagħha stess biex tħallas għajnuna mill-Istat fid-dawl tal-limitazzjonijiet imposti mid-dritt nazzjonali, peress li jippermettilha biss li tuża l-fondi biex tiżgura l-funzjonament tagħha stess.

97. Mill-Artikolu 107(1) TFUE jirriżulta li l-leġiżlatur tal-Unjoni, fl-evalwazzjoni ta' għajnuna, ta importanza mhux lill-organu responsabbli mill-ħlas tal-għajnuna mill-Istat, imma lill-oriġini tal-fondi li bihom titħallas l-għajnuna inkwistjoni. Barra minn hekk, mill-ġurisprudenza jirriżulta ċar li la l-istatus pubbliku jew privat u lanqas l-awtonomija tal-persuna responsabbli milli tagħti l-vantaġġ inkwistjoni ma huma rilevanti biex tingħata deċiżjoni fuq dan il-punt [48].

98. Fid-dawl tas-suespost, jeħtieġ li tingħata risposta lid-domanda preliminari tnax li l-istatus ġuridiku u l-missjonijiet li jingħataw lil persuna ġuridika skont id-dritt nazzjonali huma irrilevanti għall-evalwazzjoni dwar jekk vantaġġ jingħatax permezz ta' "riżorsi tal-Istat", peress li s-sors speċifiku tar-riżorsi tal-Istat ma jaffettwax il-klassifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna mill-Istat.

K. Fuq id-domanda preliminari tlettax

99. Permezz tad-domanda preliminari tlettax, il-qorti tar-rinviju tistaqsi, essenzjalment, jekk id-Direttiva 2002/20 tistax tkun ta' ostaklu għall-eventwali kumpens tar-rikorrenti.

100. Issa, jeħtieġ li jiġi rrilevat li dawn il-kawżi ma jaqgħux taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' din id-direttiva, peress li din ma tapplikax għas-settur tal-elettriku. Barra minn hekk, ebda dispożizzjoni mill-imsemmija direttiva ma tidher li tindika li din tapplika f'oqsma differenti mis-suq tal-komunikazzjonijiet elettroniċi. Din id-domanda għandha għaldaqstant tiġi miċħuda bħala manifestament inammissibbli.

V. Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi li l-Qorti tal-Ġustizzja tirrispondi għad-domandi preliminari magħmula mill-Augstākā tiesa (Senāts) (il-Qorti Suprema, il-Latvja) bil-mod kif ġej:

1) L-obbligu li bih l-operatur pubbliku għandu jixtri l-elettriku mingħand produtturi li jużaw sorsi ta' enerġija rinnovabbli bi prezz ogħla minn dak tas-suq, billi japprofittaw mill-obbligu li bih il-konsumatur finali għandu jħallas prezz proporzjonat għall-konsum, għandu jitqies bħala għajnuna mogħtija permezz tar-riżorsi tal-Istat, fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE.

[47] Infakkar, f'dan ir-rigward, li, skont id-dritt nazzjonali, il-kumpannija Latvenergo kellha bħala missjoni li tixtri l-elettriku żejjed bi prezz ogħla, filwaqt li t-tariffa tal-bejgħ medja tal-elettriku kienet iffissata mill-Kummissjoni Regolatorja fil-kwalità tagħha ta' awtorità regolatorja tas-suq tal-elettriku.

[48] Sentenza tad-9 ta' Novembru 2017, Il-Kummissjoni vs TV2/Danmark (C-656/15 P, EU:C:2017:836, punti 44 u 45).

2) Deċiżjoni li permezz tagħha l-qorti nazzjonali tagħti d-danni tista' tikkostitwixxi "għajnuna mill-Istat", fis-sens tal-Artikolu 107(1) TFUE u għandha tkun ikklassifikata bħala "għajnuna ġdida" fis-sens tal-Artikolu 1(c) tar-Regolament tal-Kunsill 2015/1589 tat-13 ta' Lulju 2015 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tal-Artikolu 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, peress li ma taqa' taħt ebda kategorija ta' "għajnuna eżistenti" msemmija fl-Artikolu 1(b) ta' dan ir-regolament.

3) Huwa l-obbligu tal-qorti tar-rinviju li tivverifika, skont l-Artikolu 5(2) tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1407/2013 tat-18 ta' Diċembru 2013 dwar l-applikazzjoni tal-Artikoli 107 u 108 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għall-għajnuna *de minimis*, jekk kumulu tal-għajnuna inkwistjoni f'kull waħda mill-kawżi prinċipali flimkien ma' għajnuna oħra rċevuta jwassalx biex jinqabeż il-limitu ffissat fl-Artikolu 3(2) ta' dan ir-regolament.

4) Fid-dawl tal-klassifikazzjoni tal-azzjoni għad-danni bħala "għajnuna ġdida", il-kundizzjonijiet previsti fl-Artikolu 1(b)(iv) tar-Regolament 2015/1589 ma humiex issodisfatti, peress li t-terminu ta' preskrizzjoni ta' għaxar snin mill-għoti tal-għajnuna ma ddekorriex. Dan it-terminu jibda jiddekorri b'effett mid-data tad-dħul fis-seħħ tas-sentenza li laqgħet it-talba għad-danni, fejn din id-data tikkostitwixxi l-ġurnata li fiha tingħata l-għajnuna lill-benefiċjarju fis-sens tal-Artikolu 17(2) ta' dan ir-regolament.

5) L-Artikolu 108(3) TFUE kif ukoll l-Artikoli 2 u 3 tar-Regolament 2015/1589 għandhom jiġu interpretati fis-sens li huma jawtorizzaw l-għoti ta' għajnuna mill-Istat meta qorti nazzjonali tilqa' talba għad-danni bil-kundizzjoni li l-Istat Membru kkonċernat jipproċedi bin-notifika tal-għajnuna inkwistjoni lill-Kummissjoni u jirċievi deċiżjoni ta' din li tawtorizza din il-miżura ta' għajnuna.

6) L-istatus ġuridiku u l-missjonijiet li jingħataw lil persuna ġuridika skont id-dritt nazzjonali huma irrilevanti għall-evalwazzjoni dwar jekk vantaġġ jingħatax permezz ta' "riżorsi tal-Istat", peress li s-sors speċifiku tar-riżorsi tal-Istat ma jaffettwax il-klassifikazzjoni tal-miżura bħala għajnuna mill-Istat.